



**A7-0142/2014**

24.2.2014

**\*\*\*I**  
**RAPPORT**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/1999 dwar il-politika ta' kapaċità tal-flotta tal-Komunità biex tippromwovi t-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni  
(COM(2013)0621 – C7-0265/2013 – 2013/0303(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Corien Wortmann-Kool

Rapporteur għall-opinjoni (\*):

Jutta Steinruck, Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

(\*) Kumitat assoċjat – Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	11
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI.....	14
PROĊEDURA.....	19



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/1999 dwar il-politika ta' kapaċità tal-flotta tal-Komunità biex tippromwovi t-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni (COM(2013)0621 – C7-0265/2013 – 2013/0303(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0621),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 91(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0265/2013),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-21 ta' Jannar 2014<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-31 ta' Jannar 2014<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarjiet Soċjali (A7-0142/2014),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>1</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

<sup>2</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

## Emenda 1

### Proposta għal regolament

#### Premessa 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) B'rabta mal-immodernizzar u mar-ristrutturar tal-flotot għandhom jiġu previsti miżuri soċjali biex jgħinu lill-ħaddiema li jixtiequ jitlequ mill-industrija tal-passaġġi fuq l-ilma interni jew li jitħarrġu mill-ġdid f'xogħol f'settur ieħor, flimkien ma' miżuri li jħeġġu l-istabbiliment ta' gruppi ta' impriżi, it-titjib fil-ħiliet tal-operaturi u l-promozzjoni tal-adattament tal-bastimenti mal-progress teknoloġiku.

##### *Emenda*

(2) B'rabta mal-immodernizzar u mar-ristrutturar tal-flotot għandhom jiġu previsti miżuri soċjali, ***inklużi miżuri bikrija u ta' prevenzjoni***, biex jgħinu lill-ħaddiema li jixtiequ jitlequ mill-industrija tal-passaġġi fuq l-ilma interni jew li jitħarrġu mill-ġdid f'xogħol f'settur ieħor, flimkien ma' miżuri li jħeġġu l-istabbiliment ta' gruppi ta' impriżi, it-titjib fil-ħiliet tal-operaturi u l-promozzjoni tal-adattament tal-bastimenti mal-progress teknoloġiku, ***b'mod partikolari rigward bastimenti li jirrispettaw l-ambjent. Il-fondi ta' riżerva msemmija fir-Regolament (KE) Nru 718/1999 għandhom jintużaw għal miżuri li jolqtu l-operaturi-sidien, filwaqt li fondi dedikati li jeżistu diġà fil-livell tal-Unjoni għandhom jintużaw biex jappoġġaw attivitajiet imwettqa b'mod kungunt mis-sħab soċjali.***

## Emenda 2

### Proposta għal regolament

#### Premessa 2a (ġdida)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

***(2a) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom isaħħu r-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni u fl-infrastruttura portwarja multimodali permezz tal-programmi ta' ħidma Orizzont 2020 u l-Faċilità Nikkollegaw l-***

*Ewropa, u jiżguraw l-integrazzjoni ta' dak is-settur fit-trasport multimodali.*

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal regolament Premessa 5**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Il-miżuri marbutin mal-modernizzazzjoni tal-flotta tal-UE msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 718/1999 jikkonċernaw biss kwistjonijiet soċjali. Tipi oħra ta' miżura ta' appoġġ għall-ħolqien ta' kuntest favorevoli għall-innovazzjoni u għall-ambjent mhumiex previsti.

##### *Emenda*

(5) Il-miżuri marbutin mal-modernizzazzjoni tal-flotta tal-UE msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 718/1999 jikkonċernaw biss kwistjonijiet soċjali ***u s-sikurezza tal-ambjent tax-xogħol***. Tipi oħra ta' miżura ta' appoġġ għall-ħolqien ta' kuntest favorevoli għall-innovazzjoni u għall-ambjent mhumiex previsti.

### **Emenda 4**

#### **Proposta għal regolament Premessa 8a (ġdida)**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

***(8a) Il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-adattament tal-flotta tat-trasport bil-passaġġi tal-ilma interni fir-rigward tal-ambjent, billi tippromwovi l-użu ta' strumenti finanzjarji minn fondi eżistenti tal-Unjoni bħall-Faċilità Nikkolegaw l-Ewropa u Orizzont 2020, u għandha tissuġġerixxi modi biex jinholq effett ta' lieva għall-fondi ta' riżerva permezz tal-fondi eżistenti kif ukoll permezz ta' strumenti ta' finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investment.***

## Emenda 5

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 718/1999

Artikolu 8 – inċiż 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

ikun iktar faċli għat-trasportaturi tal-passaġġi ta' l-ilma interni li jkunu se jtitilqu mill-industrija li jiksbu pensjoni ta' l-irtirar kmieni jew li jmorru jaħdmu f'attività ekonomika oħra,

#### *Emenda*

ikun iktar faċli għat-trasportaturi bil-passaġġi fuq l-ilma interni li jkunu se jtitilqu mill-industrija li jiksbu pensjoni tal-irtirar kmieni jew li jmorru jaħdmu f'attività ekonomika oħra, ***fost l-oħrajn billi tkun ipprovduta informazzjoni komprensiva;***

## Emenda 6

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 718/1999

Artikolu 8 – inċiż 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

*issir organizzazzjoni ta'* taħriġ vokazzjonali jew ***ta'*** skemi ta' taħriġ mill-ġdid għall-ħaddiema li jkunu se jtitilqu l-industrija,

#### *Emenda*

***jiġi organizzat*** taħriġ vokazzjonali jew skemi ta' taħriġ mill-ġdid għall-ħaddiema li jkunu se jtitilqu l-industrija ***u tingħata informazzjoni xierqa dwar dawk l-iskemi,***

## Emenda 7

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1

Regolament (KE) Nru 718/1999

Artikolu 8 – inċiż 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

jittejbu l-ħiliet ***tal-operaturi*** bil-għan li jitħarsu l-iżvilupp u l-ġejjieni tas-sengħa,

#### *Emenda*

jittejbu l-ħiliet ***fin-navigazzjoni interna u l-għarfien tal-loġistika*** bil-għan li jitħarsu l-iżvilupp u l-ġejjieni tas-sengħa,



## Emenda 8

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1

Regolament (KE) Nru 718/1999

Artikolu 8 – inċiż 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

jitħeġġeġ l-adattament tal-bastimenti mal-progress tekniku bil-għan li jittejbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol u tiġi promossa s-sikurezza,

#### *Emenda*

jitħeġġeġ l-adattament tal-bastimenti mal-progress tekniku bil-għan li jittejbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol, ***inkluża l-protezzjoni tas-saħħa***, u tiġi promossa s-sikurezza,

## Emenda 9

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1

Regolament (KE) Nru 718/1999

Artikolu 8 – inċiż 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

titħeġġeġ l-innovazzjoni ta' bastimenti flimkien mal-adattament tagħhom mal-progress tekniku fir-rigward tal-ambjent.

#### *Emenda*

titħeġġeġ l-innovazzjoni ta' bastimenti flimkien mal-adattament tagħhom mal-progress tekniku fir-rigward tal-ambjent, ***b'mod partikolari bastimenti li jirrispettaw l-ambjent***,

## Emenda 10

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1

Regolament (KE) Nru 718/1999

Artikolu 8 – inċiż 6a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***jintużaw il-fondi ta' riżerva preferibbilment biex isaħħu l-effett multiplikatur ta' għotjiet ifffinanzjati mill-***

*baġit tal-Unjoni kif ukoll dak tal-istrumenti ta' finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) għal miżuri li jappoġġjaw l-innovazzjoni fir-rigward tal-bastimenti, inkluż l-iżvilupp tal-Bastimenti Adattati għax-Xmajjar, u l-adattament tagħhom għall-progress tekniku fir-rigward tal-ambjent, u għal miżuri oħra biex tiżdied l-effiċjenza tal-fjuwil tal-magni tal-vapuri, jitħeġġeġ l-użu ta' gass naturali likwifikat u titjeb il-kwalità tal-arja. Il-Kummissjoni għandha tissuġġerixxi mezzi biex tippromwovi l-kisba ta' dawn l-oġettivi permezz ta' effetti multiplikatur tal-fondi ta' riżerva permezz ta' strumenti finanzjarji minn fondi eżistenti tal-Unjoni bħall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u Orizzont 2020, u mill-BEI.*

## NOTA SPJEGATTIVA

### Sfond

Ir-Regolament (KE) Nru 718/1999 jistabbilixxi miżuri biex jappoġġja t-titjib strutturali fis-settur tal-passaġġi fuq l-ilma, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mal-kapaċità tal-flotta tal-Istati Membri bil-passaġġi fuq l-ilma interni konnessi ma' dawk ta' Stat Membru ieħor.

F'dan il-qafas inħolqu l-Fondi ta' Riżerva –iffinanzjati mill-industrija tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni mill-fondi żejda minn skemi ta' titjib strutturali imwettaq sat-28 ta' April 1999 u minn kontribuzzjonijiet speċjali mir-regola 'il-qadim għall-ġdid'.

Il-Fondi ta' Riżerva, amministrati mill-Istati Membri, setgħu jintużaw biss għall-għanijiet li ġejjin:

- a) biex jappoġġjaw miżuri meħuda fil-livell tal-Komunità mfassla biex jipprevjenu kwalunkwe żieda ġdida fil-kapaċità tal-flotta f'każ ta' tfixkil serju fis-suq;
- b) biex jappoġġjaw miżuri soċjali u jippromwovu l-adattament tal-bastimenti għall-progress tekniku fir-rigward tal-aspetti tas-sigurtà, bil-kundizzjoni li dawn il-miżuri jkollhom l-appoġġ unanimu tal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw it-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni.

Matul is-snin il-fondi kibru għal valur kumulattiv attwali ta' madwar EUR 35 miljun. Is-settur tan-navigazzjoni interna u l-Istati Membri ppruvaw jutilizzaw il-fondi iżda l-Kummissjoni kkunsidrat li t-talbiet ma kinux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Fil-fatt, il-kamp ta' applikazzjoni limitat tal-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament s'issa kien ostaklu għall-użu tal-fondi.

Għalhekk il-Kummissjoni pproponiet li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament biex tinkludi skemi ta' taħriġ għall-membri kollha tal-ekwipaġġ u biex tagħmilha possibbli li jintużaw il-fondi għall-innovazzjoni tal-bastimenti u l-adattament tagħhom għall-progress tekniku fir-rigward tal-ambjent.

### Il-pożizzjoni tar-Rapporteur

Ir-Rapporteur tagħkom tilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament eżistenti biex jippermetti li l-Fondi ta' Riżerva jintużaw biex jappoġġjaw b'mod aktar effiċjenti lis-settur tan-navigazzjoni interna u biex joħloq kuntest favorevoli għall-innovazzjoni u prestazzjoni tas-sikurezza u ambjentali mtejbja. Tixtieq tenfasizza li l-proposta għandha l-appoġġ unanimu tas-settur tan-navigazzjoni interna.

Karatteristika tas-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni hi l-istruttura tiegħu li hija bbażata prinċipalment fuq SMEs, jiġifieri operaturi-sidien li jaħdmu u jgħixu mal-familji tagħhom fuq il-bastimenti. Dawn l-SMEs huma b'mod partikulari vulnerabbli għall-kriżi. Għalhekk huwa vitali li jiġi provdut appoġġ biex jinżamm u jissaħħa is-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni.

Fost il-vantaġġi tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni, ir-Rapporteur tagħkom tixtieq tenfasizza l-kosteffiċjenza tiegħu kif ukoll il-prestazzjoni tal-enerġija u ambjentali tiegħu, filwaqt li fl-istess ħin tirrimarka li dawn il-prestazzjonijiet jistgħu jitjiebu aktar. Waqt li t-trasport bi triq ibati mill-konġestjoni, li tirriżulta f' telf ekonomiku u ambjentali, in-netwerk tal-passaġġi fuq l-ilma interni joffri potenzjal kbir biex jiġi assorbit it-traffiku mingħajr ir-riskju ta' konġestjoni. Dawn il-vantaġġi għandhom ikunu sfruttati aktar.

Ir-Rapporteur tapprezza ħafna l-intenzjoni tas-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni li jinvesti f' miżuri ekoloġiċi u innovattivi. Madanakollu, il-fondi disponibbli fi ħdan il-qafas ta' dan ir-Regolament huma pjuttost limitati fir-rigward tal-ispejjeż meħtieġa biex tiġi modernizzata l-flotta. Għalhekk, ir-Rapporteur tagħkom tixtieq tinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea biex flimkien mas-settur tinvestiga kif jistgħu jintużaw il-fondi flimkien mal-istrumenti finanzjarji mill-BEI u l-fondi eżistenti tal-UE, bħalma huma l-fondi tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, sabiex jiġu ottimizzati l-mezzi finanzjarji ddedikati lis-settur.

Barra minn hekk, ir-Rapporteur tagħkom jiddispjaċiha dwar in-nuqqas ta' referenza għall-loġistika tat-trasport tal-merkanzija intermodali. Ovvjament, il-passaġġi fuq l-ilma interni għandhom rwol importanti ħafna fit-tisħiħ tal-katina tat-trasport tal-merkanzija sostenibbli fl-Ewropa. Sfortunatament ix-xejra attwali fl-Ewropa turi tnaqqis fis-sehem modali tal-passaġġi fuq l-ilma. Jinħtieġ li din ix-xejra titreġġa' lura biex l-Ewropa tkun tista' twieġeb għall-isfidi tat-trasport, jiġifieri l-konġestjoni, l-impatt ambjentali u l-ħtiġijiet tal-enerġija.

Finalment, ir-Rapporteur tagħkom temmen li politika strutturata b' mod tajjeb b' għanijiet fuq perjodu ta' żmien qasir kif ukoll medju u li jistgħu jintlaħqu, tkun ta' vantaġġ għal settur b' potenzjal għoli. Iċ-ċertezza fir-rigward tal-qafas legali hi bla dubju prekondizzjoni biex tattira jew tistimola l-investimenti fis-settur u b'hekk tiżgura l-iżvilupp sostenibbli tas-suq tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Għalhekk titlob lill-Kummissjoni biex tlaħħam aktar il-pakkett NAIADES II u malajr kemm jista' jkun tipprovi azzjonijiet konkreti li jikkunsidraw l-ispeċifitàjiet tas-settur ibbażat prinċipalment fuq SMEs.



13.2.2014

## **OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI**

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/1999 dwar il-politika ta' kapaċità tal-flotta tal-Komunità biex tippromwovi t-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni (COM(2013)0621 – C7-0265/2013– 2013/0303(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Jutta Steinruck

### **ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA**

Fl-isforz biex jitnaqqas it-tunnellaġġ u tkun modernizzata l-flotta tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni, għandhom jittieħdu miżuri ulterjuri li jgħinu biex itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ekwipaġġ u, b'mod partikolari, jinkoraġġixxu l-irtirar mit-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni.

Ir-rapporteur tilqa' l-proposta għal modifikazzjoni tar-regolament sabiex ikunu jistgħu jintużaw il-EUR 35 miljun fil-Fond ta' Riserva. Sabiex titjeb is-sitwazzjoni soċjali u finanzjarja tal-membri tal-ekwipaġġ li jħallu dan is-settur, jeħtieġ li tkun estiża b'mod ċar il-possibilità li jintuża l-fond ta' riserva għall-membri impjegati tal-ekwipaġġ.

Il-modernizzazzjoni tal-flotta ta' trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni tinkludi, min-naħa l-waħda, modernizzazzjoni teknika, iżda min-naħa l-oħra, jeħtieġ ukoll li l-ekwipaġġi li jħaddmu l-bastimenti u li jaħdmu fis-settur ikunu kkwalifikati u familjarji mal-aktar tekniki moderni. Ir-rapporteur, għalhekk, tissuġġerixxi formulazzjoni aktar ċara rigward is-sitwazzjoni soċjali u professjonali tar-relazzjonijiet tax-xogħol kollha marbuta mat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni.

Sabiex jiġi żgurat li l-atturi kollha involuti jingħataw trattament ugwali, huwa importanti li mhux biss l-operaturi tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni jkun eliġibbli għal miżuri tal-irtirar bikri, iżda wkoll il-membri tal-ekwipaġġ.

Fil-futur qrib, fil-qasam tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni, se tiġi imposta sensiela ta' modernizzazzjonijiet tal-bastimenti bil-għan li jiġu ggarantiti s-sigurtà u r-rispett tal-ambjent. Sabiex għal dawn il-miżuri ma jkunux ikkunsidrati biss mil-lat tekniku, iżda wkoll, b'mod speċjali, sabiex il-membri tal-ekwipaġġ jitħejjew għar-rekwiżiti l-ġodda, ir-rapporteur

tissuġġerixxi li jiġu estiżi wkoll il-kwalifiki professjonali għal dan il-qasam.

Għal kull miżura prevista, għandha tiġi trażmessa wkoll l-informazzjoni marbuta magħha, sabiex ikun żgurat li kemm jista' jkun impriżi u membri tal-ekwipaġġ isiru jafu dwar dawn il-possibiltajiet u jkunu jistgħu jagħmlu użu minnhom.

Barra min hekk, għandu jiġi żgurat li s-šhubija appoġġjata f'assoċjazzjonijiet tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni ma tkunx miftuħa biss għas-sidien operaturi weħidhom. It-terminu sid operatur ifisser b'mod ċar dawk l-impriżi li joperaw biss sa tliet bastimenti. L-impriżi ż-żgħar li joperaw aktar minn tliet bastimenti għandhom wkoll jiġu meġġuna biex jissieħbu f'organizzazzjonijiet.

It-tiżib tar-rwol tas-šhab soċjali fl-implimentazzjoni tar-regolament huwa rekwiżit importanti biex ir-riżorsi allokatu jaqdu l-oġġettivi. L-assoċjazzjonijiet ikkonċernati u t-trejdjunjins tal-persuni impjegati li jaħdmu fit-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni huma aktar midħla tal-problemi u l-ħtiġijiet minn ħaddieħor.

It-tiżib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol għandhom jiġu estiżi għas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol sabiex jiġi żgurat li l-impriżi tas-settur ikunu finanzjarjament f'pożizzjoni li jiżguraw l-oġhla livell ta' saħħa u protezzjoni fuq ix-xogħol.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament

#### Premessa 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

(2) B'rabta mal-immodernizzar u mar-ristrutturar tal-flotot għandhom jiġu previsti miżuri soċjali biex jgħinu lill-ħaddiema li jixtiequ jitolqu mill-industrija tal-passaġġi fuq l-ilma interni jew li jitħarrġu mill-ġdid f'xogħol f'settur ieħor, flimkien ma' miżuri li jħeġġu l-istabbiliment ta' gruppi ta' impriżi, it-tiżib fil-ħiliet tal-operaturi u l-promozzjoni tal-adattament tal-bastimenti mal-progress teknoloġiku,

*Emenda*

(2) B'rabta mal-immodernizzar u mar-ristrutturar tal-flotot għandhom jiġu previsti miżuri soċjali, ***inklużi miżuri bikrija u ta' prevenzjoni***, biex jgħinu lill-ħaddiema li jixtiequ jitolqu mill-industrija tal-passaġġi fuq l-ilma interni jew li jitħarrġu mill-ġdid f'xogħol f'settur ieħor, flimkien ma' miżuri li jħeġġu l-istabbiliment ta' gruppi ta' impriżi, it-tiżib fil-ħiliet tal-operaturi u l-promozzjoni tal-adattament tal-bastimenti mal-progress teknoloġiku,

## Emenda 2

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 718/1999

Artikolu 8 – frażi introdutturja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3(5), kwalunkwe Stat Membru jista' jieħu miżuri, b'mod partikolari sabiex:

#### *Emenda*

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3(5), kwalunkwe Stat Membru, ***flimkien mas-sħab soċjali***, jista' jieħu miżuri b'mod partikolari sabiex:

## Emenda 3

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 718/1999

Artikolu 8 - inċiż 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– ikun iktar faċli għat-trasportaturi tal-passaġġi ta' l-ilma interni li jkunu se jitolqu mill-industrija li jiksbu pensjoni ta' l-irtirar kmieni jew li jmorru jaħdmu f'attività ekonomika oħra,

#### *Emenda*

– ikun iktar faċli għat-trasportaturi bil-passaġġi fuq l-ilma interni li jkunu se jitolqu mill-industrija li jiksbu pensjoni tal-irtirar kmieni jew li jmorru jaħdmu f'attività ekonomika oħra ***billi, fost miżuri oħra, tkun ipprovduta informazzjoni komprensiva,***

## Emenda 4

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 718/1999

Artikolu 8 - inċiż 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– issir organizzazzjoni ta' taħriġ vokazzjonali jew ta' skemi ta' taħriġ mill-ġdid għall-ħaddiema li jkunu se jitolqu l-industrija,

#### *Emenda*

– issir organizzazzjoni ta' taħriġ vokazzjonali jew ta' skemi ta' taħriġ mill-ġdid għall-ħaddiema li jkunu se jitolqu l-industrija ***u tkun ipprovduta informazzjoni xierqa dwar dawk l-iskemi,***



## Emenda 5

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 718/1999

Artikolu 8 - inċiż 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– jittejbu l-ħiliet ***tal-operaturi*** bil-għan li jitħarsu l-iżvilupp u l-ġejjieni tas-sengħa,

#### *Emenda*

– jittejbu l-ħiliet ***fost l-atturi speċjalment l-impjegati u l-operaturi*** bil-għan li jitħarsu l-iżvilupp u l-ġejjieni tas-sengħa ***f'każ ta' modernizzazzjoni prevedibbli u li tkun rikjesta mil-leġislazzjoni***;

## Emenda 6

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 718/1999

Artikolu 8 - inċiż 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– jitħeġġu ***l-operatur-sidien*** biex jissieħbu f'assoċjazzjonijiet tas-sengħa u sabiex jissaħħu l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw it-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni fil-livell tal-Unjoni,

#### *Emenda*

– jitħeġġu ***l-operaturi tat-trasport bil-passaġġi tal-ilma interni*** biex jissieħbu f'assoċjazzjonijiet tas-sengħa u sabiex jissaħħu l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw it-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni fil-livell tal-Unjoni,

## Emenda 7

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 718/1999

Artikolu 8 - inċiż 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– jitħeġġeġ l-adattament tal-bastimenti

#### *Emenda*

– jitħeġġeġ l-adattament tal-bastimenti

mal-progress tekniku bil-għan li jittejbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol u tiġi promossa s-sikurezza,

mal-progress tekniku bil-għan li jittejbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol u ***l-protezzjoni tas-saħħa u*** tiġi promossa s-sikurezza,

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Proposta għal regolament li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/1999 tad-29 ta' Marzu 1999 dwar il-politika ta' kapaċità tal-flotta tal-Komunità biex tippromwovi t-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni		
<b>Referenzi</b>	COM(2013)0621 – C7-0265/2013 – 2013/0303(COD)		
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 8.10.2013		
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 8.10.2013		
<b>Kumitat(i) assoċjat(i) - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>	12.12.2013		
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Jutta Steinruck 26.11.2013		
<b>Eżami fil-kumitat</b>	17.12.2013	22.1.2014	12.2.2014
<b>Data tal-adozzjoni</b>	13.2.2014		
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	34 3 0	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Regina Bastos, Heinz K. Becker, Phil Bennion, Pervenche Berès, Philippe Boulland, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Derek Roland Clark, Minodora Cliveti, Andrea Cozzolino, Frédéric Daerden, Karima Delli, Sari Essayah, Richard Falbr, Nadja Hirsch, Stephen Hughes, Danuta Jazłowiecka, Jean Lambert, Patrick Le Hyaric, Verónica Lope Fontagné, Thomas Mann, Anthea McIntyre, Csaba Óry, Konstantinos Poupakis, Elisabeth Schroedter, Gabriele Stauner, Jutta Steinruck		
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Georges Bach, Philippe De Backer, Edite Estrela, Sergio Gutiérrez Prieto, Paul Murphy, Antigoni Papadopoulou, Gabriele Zimmer		
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Timothy Kirkhope, George Lyon, Jarosław Leszek Wałęsa		

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Proposta għal regolament li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/1999 tad-29 ta' Marzu 1999 dwar il-politika ta' kapaċità tal-
---------------	---

	flotta tal-Komunità biex tippromwovi t-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni		
<b>Referenzi</b>	COM(2013)0621 – C7-0265/2013 – 2013/0303(COD)		
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	10.9.2013		
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 8.10.2013		
<b>Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 8.10.2013	EMPL 8.10.2013	
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċiżjoni	BUDG 18.9.2013		
<b>Kumitat(i) assoċjat(i)</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 12.12.2013		
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Corien Wortmann-Kool 22.10.2013		
<b>Eżami fil-kumitat</b>	25.11.2013	17.12.2013	11.2.2014
<b>Data tal-adozzjoni</b>	20.2.2014		
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	30 1 2	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Inés Ayala Sender, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Michael Cramer, Joseph Cuschieri, Philippe De Backer, Luis de Grandes Pascual, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Jacqueline Foster, Franco Frigo, Mathieu Grosch, Jim Higgins, Dieter-Lebrecht Koch, Georgios Koumoutsakos, Eva Lichtenberger, Marian-Jean Marinescu, Gesine Meissner, Dominique Riquet, Brian Simpson, Giommara Uggias, Peter van Dalen, Patricia van der Kammen, Artur Zasada		
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Spyros Danellis, Isabelle Durant, Eider Gardiazábal Rubial, Alfreds Rubiks, Bernadette Vergnaud, Corien Wortmann-Kool, Janusz Władysław Zemke		
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Birgit Sippel, Robert Sturdy		
<b>Data tat-tressiq</b>	24.2.2014		